MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 207/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Borg)**
**Vs**
**Vincent Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli
1. nhar il-27 ta' Marzu 2004, ghal habta tal-11.30pm, fil-gnien "Lorry Sant", li jinsab fi Triq Joseph Stivala, Rahal Gdid, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Lewis Briffa, maghruf bhala il-Banana, minn Rahal Gdid, f'perikolu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi f'wiccu, permezz ta' arma li taqta' w bil-ponta, fuq il-persuna ta' l-istess Lewis Briffa skond ma ccertifika Dr Aldo Fiorini M.D, liema ferita iggiblu sfreggju fil-wicc u dana bi ksur ta' l-Artikoli 218(!)(b) u 217 tal-Kap 9;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin tal-lejl gewwa Rahal Gdid, volontarjament kiser il-bon ordni w

l-kwiet tal-pubbliku bi ksur tal-artikolu 338(m) u 338(dd) tal-Kap 9;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen, indecenti w dagha, bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9;
4. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Lewis Briffa, John Muscat, Owen John Carabott u Rodrick Aquilina, w meta provokat, li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni w dana bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr arma li taqta' w bil-ponta minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija w dana bi ksur tal-Artikolu 13 tal- Kap 66;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin tad-delitt kontra l-persuni ta' Lewis Briffa, John Muscat, Owen John Carabott u Rodrick Aquilina, kellu fil-pussess tieghu arma regulari w dana bi ksur tal-Artikolu 26 tal-Kap 66;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju, 2008, li biha, ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu minn kull htija w piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Ian Farrugia eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell billi dana gie pprezentat *fuori termine*, fis-sens illi gie pprezentat l-ghada li skada t-terminu fis-7 ta' Lulju, 2008.

Rat illi Dr. Barbara ghall-prosekuzzjoni rrimetta ruhu w dan wara li vverifika li l-atti waslu ghand l-Avukat Generali fil-25 ta' Gunju, 2008 u li ghalhekk it-terminu skada fis-7 ta' Lulju, 2008 u li ghalhekk jidher li r-rikors gie pprezentat *fuori termine.*

Il-Qorti, wara li ghamlet id-debita verifika, taderixxi ma' dawn iz-zewg verbali w konsegwentement tiddikjara l-appell null billi gie pprezentat *fuori termine* kif stipulat skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------